**11 ta' Jannar, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Paul Buttigieg

*versus*

Anthony Abela *noe*

## Mandat ta' Żgumbrament - Artikolu 259 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Fatti fid-Dominju Pubbliku

*L-Uffiċċju Konġunt ħareġ Mandat ta' Żgumbrament a bażi ta' sentenza li ngħatat favur l-entitajiet Djoċesani Reliġjużi, mentri f'din il-kawża aġixxa d-Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt.*

*Il-Qorti rriteniet illi huwa ovvju li l-Uffiċċju Konġunt fil-Ministeru tal-Finanzi jamministra proprjeta' li qabel kienet taqa' fil-beni ta' l-entitajiet reliġjużi djoċesani ta' Malta. Dan pero', mhux fit-totalita' tagħhom u f'kull każ ma rriżulta minn imkien fl-atti l-prova li r-rikorrent Direttur ta'l-Uffiċċju Konġunt hu difatti s-suċċessur jew ċessjonarju tal-kreditur attur.*

*Il-Qorti, filwaqt illi indikat l-artikolu 250 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u ċjoe' illi s-suċċessur jew ċessjonarju kellu jipproċedi b'rikors fejn*

*jitolbu lill-Qorti sabiex jiġi esegwit titolu esekuttiv.*

*Sinifikattiva r-riflessjoni tal-Qorti fuq fatt fid-dominju pubbliku.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni l-attur appellant talab li din il-Qorti tiddikjara li l-mandat ta' żgumbrament numru 44/94 SF huwa null u bla effett. Dan fuq dawn il-premessi;

Illi nħareġ mandat ta' żgumbrament fl-ismijiet inversi a bażi ta' deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat-23 ta' April, 1993;

Li ma kien hemm l-ebda sentenza **f'dawn l-ismijiet** fl-imsemmija data quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Ma jirriżulta li kien hemm l-ebda opposizzjoni għal din it-talba u l-konvenut appellat, debitament innotifikat, ma ppreżenta l-ebda nota ta' l-eċċezzjonijiet. F'dan is-sens hu kontumaċi;

Il-mandat ta' żgumbrament jirreferi għall-fond 60, Triq San Franġisk, l-Isla u ħareġ in esekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat-22 ta' April, 1993;

F'din is-sentenza, l-okkju tal-kawża deċiża jaqra hekk:

"**Salvatore Muscata bħala Ekonomu** ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Reliġjużi Djoċesani kollha ta' Malta u okkorrendo għan-nom u fl-interess tal-Veneranda Lampada tal-Knisja Parrokjali Basilika ta' l-Isla, u b'nota tad-9 ta'

Lulju, 1992, Joseph Aquilina bħala **Ekonomu** ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Reliġjużi Djoċesani kollha ta' Malta assuma l-atti minflok **Salvatore Muscat *vs* Paul Buttigieg**. Is-sentenza tikkundanna lill-konvenut - l-attur f'din il-kawża - biex jiżgombra mill-fond indikat fil-mandat ta' żgumbrament;

Il-mandat ta' żgumbrament sar fuq talba ta' **Anthony Abela** bħala Direttur ta' l-**Uffiċċju Konġunt fil-Ministeru tal-Finanzi**, naturalment kontra l-konvenut, fil-kawża llum attur;

Hu immedjatament ovvju illi l-attur fil-kawża li ngħatat is-sentenza li tagħha qed tintalab l-esekuzzjoni hu għal kollox differenti mir-rikorrent li talab il-ħruġ tal-mandat ta' żgumbrament. Hu ovvju ukoll - għax hu fatt ta' dominju pubbliku - li l-Uffiċċju Konġunt fil-Ministeru tal-Finanzi jamministra proprjeta` li kienet qabel taqa' fil-beni ta' l-entitajiet reliġjużi djoċesani ta' Malta. Dan, pero`, mhux fit-totalita` tagħhom u f'kull każ ma tirriżulta minn imkien fl-atti l-prova illi r-rikorrent Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt hu difatti is-suċċessur jew ċessjonarju tal-kreditur attur fil-kawża *deċiża bis-sentenza ċitata*. Fin-nuqqas ta' tali prova li trid issir in kontestazzjoni tal-konvenut u li trid tirriżulta mill-atti, it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament hi irrita u nulla;

Hu veru illi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili qabel ġie emendat bl-Att XXIV ta' l-1995 ma kienx jistipula espressament kif kellhom f'ċirkostanzi analogi jiġu rregolati l-atti billi ssir il-prova ta' l-assunzjoni tal-kreditu jew tat-trasferiment tad-dritt litiġjuż lill-terzi estranei għall-partijiet in kawża ġa` deċiża b'sentenza definittiva. Xorta pero` tali prova kienet rikjesta *ad validitatem*;

L-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995, jipprovdu biex jiċċaraw *il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każijiet kongruwi* fl-artikolu 259 tal-Kap. 12. Jipprovdu fis-subinċiż 4 li "l-eredi, **suċċessuri jew ċessjonarji tal-kreditu** jistgħu jagħmlu rikors li jiġi nnotifikat **lid-debitur**, lill-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tiegħu, fejn jitolbu lill-Qorti sabiex jiġi esegwit **kull titolu esekuttiv** ...";

Ir-rikors għandu jintlaqa' mill-Qorti jekk jiġu sodisfatti ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-istess subinċiż;

Hekk għandu llum jipproċedi l-konvenut;

*Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-*talba ta' l-attur kif dedotta l-ispejjeż kontra l-konvenut.